**26. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Affarijiet Barranin u tal-Ambjent l-Onor George W Vella ppropona:-**

Illi fis-Seduta li fiha ssir id-Dikjarazzjoni Finanzjarja għas-sena 1997 (Ordni Permanenti Nru 71 (3) (a), din id-Dikjarazzjoni u x-Xogħol li jista' jkun konness magħha jkunu, jekk meħtieġ, eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 9 - ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol; u li d-Dikjarazzjoni tkun ukoll eżenti mill-Ordni Permanenti Nru 49 - Limiti ta' żmien għad-diskors; u

Illi minkejja kull provvedimenti oħra fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra u riżoluzzjonijiet oħra approvati mill-Kamra jekk id-Dikjarazzjoni Finanzjarja ssir il-Ħamis, sew fil-għodu, kif ukoll fil-għaxija, isir biss xogħol tal-Gvern u l-aġġornament ma jitteħidx.

18.12.94